Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 348/1991/2

**Mario Galea Testaferrata, Nicholas Jensen, Helen arma ta' Malcolm Miles, Agnes mart l-ispizjar Alfred Gera de Petri u l-istess Spizjar Alfred Gera de Petri li jidher ghan-nom u in rapprezentanza ta' Irene mart John Bach, A**
**Anna Marie mart John Spiteri Debono li tidher kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' l-imsiefra Karen mart it-tabib Joseph Preziosi**

**v.**

**Il-Prim Ministru, il-Ministru tal-Gustizzja, George u Maria konjugi Theuma, u Ganni u Lelina konjugi Grech**

Il-Qorti:

1. Dan hu provvediment limitat ghal tlett rikorsi li gew intavolati fil-mori tal-proceduri fl-appell, cioe` quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali, ghal intervent fil-kawza.

2. Permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fit-3 ta’ Ottubru, 2000, is-subartikoli (4) u (5) tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158 (Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar) gew dikjarati li jiksru d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ghalhekk dik il-Qorti ddikjarat dawk id-disposizzjonijiet nulli u bla effett. Dik il-Qorti, pero`, laqghet l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati in kwantu jirrigwardaw id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan a bazi tad-disposizzjoni transitorja kontenuta fl-Artikolu 7 tal-Kap. 319, b’mod ghalhekk li ma ddikjaratx li l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kap. 158 kienu jivvjolaw l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-imsemmija Konvenzjoni.

3. Il-kawza kienet inbdiet mir-rikorrenti Mario Galea Testaferrata et fir-rigward ta’ proprjeta` li tinsab fi Triq Mikelang Refalo, ir-Rabat, Ghawdex. Din il-proprjeta` tar-rikorrenti kienet giet moghtija b’cens temporanju, u f’gheluq dan ic-cens l-utile dominju kien f’idejn l-intimati konjugi Theuma u Grech. Bis-sahha ta’ l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kap. 158 l-imsemmija konjugi Theuma u Grech ippretendew li jikkonvertu dan ic-cens u utile dominju f’wiehed perpetwu, u ghalhekk istitwew kawza fil-Qorti ta’ Ghawdex fejn talbu dikjarazzjoni konformi f’dan is-sens. Mario Galea Testaferrata et intavolaw rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili biex jiksbu dikjarazzjoni li d-disposizzjonijiet li kienu qed jinvokaw il-konjugi Theuma u Grech kienu jivvjolaw id-drittijiet taghhom Kostituzzjonali u Konvenzjonali.

4. Mis-sentenza tal-Prim Awla appellaw kemm l-intimat il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja, kif ukoll appellaw incidentalment Mario Galea Testaferrata et (minn dik il-parti tas-sentenza li tirreferi ghall-Kap. 319).

5. Il-“kumplikazzjonijiet” f’din il-kawza sehhew minhabba rikorsi ta’ diversi persuni li talbu li jintervjenu *in statu et terminis* fi stadju ta’ appell. L-ewwel rikors gie ppresentat minn Philip Grima u Brian Bajada (fol. 43) fl-4 ta’ Gunju, 2002. Huma talbu li jintervjenu peress li, skond huma, il-kawza fiha principju ta’ ligi li jolqot lilhom b’mod dirett, u ghalhekk li huma ghandhom interess li jiddefendu l-posizzjoni tal-ligi stante li l-proprjeta` li huma jgawdu hija soggetta ghall-istess fatti jew cirkostanzi li taw bidu ghall-kawza odjerna. Huma fissru li, apparti l-Gvern rappresentat mill-Prim Ministru u mill-Ministru tal-Gustizzja, l-intimati l-ohra ftit li xejn taw kaz u importanza ghal din il-kawza, filwaqt li huma (cioe` Grima u Bajada) kellhom argumenti x’joffru quddiem din il-Qorti u li jekk ma jaghmlux hekk u s-sentenza tigi kkonfermata huma ma jkollhomx mezz kif jiddefendu l-jeddijiet taghhom. B’risposta oppositorja ghal dan ir-rikors l-appellati u appellanti incidentali Mario Galea Testaferrata et wiegbu li l-azzjoni kienet ibbazata fuq it-tutela tad-drittijiet fondamentali taghhom u li s-sentenza tikkostitwixxi gudikat biss bejn il-partijiet. Huma fakkru li fis-sistema gudizzjarju taghna m’ghandniex id-dottrina jew istitut tal-predecedent jew *stare decisis*, u li konsegwentement ir-rikorrenti Grima u Bajada ma jistghux ighidu li, jekk din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, huma ma jkollhomx rimedju. L-intimati Mario Galea Testaferrata et komplew ifissru li l-azzjoni odjerna mhix wahda popolari skond l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, u li l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jirrikjedi li min imexxi b’azzjoni jrid ikollu interess guridiku personali u dirett bhal f’kull azzjoni ohra ghajr ghall-imsemmija azzjoni popolari. Galadarba r-rikorrenti Grima u Bajada ma kellhom ebda interess fil-proprjeta` f’Ghawdex meritu tal-kawza odjerna, huma ma kellhom ebda dritt jintervjenu.

6. Fit-3 ta’ Frar, 2003 gie prezentat rikors mill-Perit Joseph Barbara u ohrajn ukoll sabiex jintervjenu fil-kawza. Huma qalu li saru jafu bir-rikors presentat minn Grima u Bajada; fissru li huma d-direttarji tal-proprjeta` li qeghdha f’idejn Grima u Bajada (u ghalhekk f’din il-kawza jinsabu skjerati man-naha ta’ Maro Galea Testaferrata et). Huma fissru li

l-Avukat Dott. Joseph Brincat kien diga ttratta verbalment quddiem din il-Qorti (diversament komposta) ghalkemm “bla pregudizzju” ghal jekk il-klienti tieghu (Grima u Bajada) jigux ammessi jintervjenu kif kienu qed jitolbu. Ir-rikorrenti Perit Joseph Barbara et ghalhekk talbu li din il-Qorti jew tichad it-talba ta’ Bajada u ta’ Grima jew, jekk tammettihom jintervjenu tammetti lilhom ukoll *in statu et terminis*. U, bhallikieku dan ma kienx bizzejjed, rikors kwazi identiku ghal dak tal-Perit Joseph Barbara et gie ppresentat minn Angela Balzan fil-11 ta’ Frar, 2003, u dan fuq il-bazi li Brian Bajada kien censwalist taghha f’St Julian’s Court, San Giljan.

7. Dawn it-tlett rikorsi gew trattati fl-udjenza tat-3 ta’ Marzu, 2003 mill-Avukati Dott. Ian Refalo (ghal Mario Galea Testaferrata et), l-Assistent Avukat Generali Dott. Peter Grech ghall-Gvern, u mill-Avukat Dott. Edwina Chetcuti ghar-rikorrenti Grima u Bajada. In segwitu, b’ “risposta” datata 4 ta’ Marzu, 2003 l-imsemmi Dott. Peter Grech ghamel referenza ghal zewg sentenzi tal-House of Lords[1].

8. Issa, fil-ligi taghna l-istitut ta’ l-intervent fil-kawza hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess guridiku, u cioe` interess <u>sostanzjali u dirett fil-kawza</u> u mhux semplicement interess fl-<u>ezitu ta’ dik il-kawza</u> bil-hsieb li dak l-ezitu jista’ talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f’kawza jew kawzi ohra futuri (ara, *passim*, ***Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon Tabone*** Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004; ***Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott*** Qorti ta’ l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02). Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu <u>f’dik il-kawza partikolari</u> u mhux f’kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati. Fil-kaz in dizamina hu evidenti li l-interess li qed jippretendu Grima u Bajada ma hux interess dirett fil-kawza bejn

[1] ***Regina v. Kansal*** 29.11.01, [2001] UKHL 62, u ***in Re Northern Ireland Human Rights Commission*** 20.6.02 [2002] UKHL 25.

Mario Galea Testaferra et minn naha u l-Gvern u l-konjugi Theuma u Grech minn naha l-ohra, izda semplicement interess fl-ezitu in kwantu huma jibzghu li, galadarba jkun hemm ezitu ta’ certu tip, dan l-ezitu jista’ jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw in konnessjoni ma’ proprjeta` li ma ghandha t’taqsam xejn ma dik li hija l-bazi tal-kawza *de quo*. Tali interess evidentement ma jistax jiggustifika intervent fis-sens tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12, ghax altrimenti f’kull kawza li fiha jkollu jigi determinat xi punt legali ta’ applikazzjoni piu` o meno generali jkun ifisser li kull min ghandu jew jista’ talvolta jkollu kawza li tinvolvi b’xi mod dak il-punt ikun jista’ jintervjeni *in statu et termini* – din il-Qorti ma tahsibx li ghandha ghalfejn telabora fuq il-konfuzjoni li tinholoq fil-kawza li kieku dan kellu jkun hekk.

9. Fl-ahhar nett, din il-Qorti tosserva li l-ezitu ta’ din il-kawza, ikun x’ikun, jaghmel stat biss bejn ir-rikorrenti Mario Galea Testaferra et minn naha u l-intimati Prim Ministru, Ministru tal-Gustizzja u l-konjugi Theuma u Grech min-naha l-ohra, kif tajjeb osservaw l-istess Mario Galea Testaferrata et (ara l-Art. 237 tal-Kap. 12).

10. Ghall-motivi premessi, tichad it-talba tar-rikorrenti Philip Grima u Brian Bajada sabiex jintervjenu f’din il-kawza; konsegwentement tichad ukoll ir-rikorsi tal-Perit Joseph Barbara et tat-3 ta’ Frar, 2003 u ta’ Angela Balzan tal-11 ta’ Frar, 2003 sabiex huma jintervjenu, u tordna ukoll l-isfilz tat-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-Avukat Dott. Joseph Brincat maghmula quddiem din il-Qorti diversament komposta.

11. L-ispejjez ta’ dan l-incident jithallsu minn Philip Grima u Brian Bajada solidament bejniethom.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------